MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 356/2013

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Cutajar)
vs
**Maximillian Camilleri**
iben Lawrence, imwieled Pieta' fid-19 ta' Gunju, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 303780(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Maximillian Camilleri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-31 ta' Dicembru, 2012, ghall-habta ta' 0040hrs fi Triq Ghajn Dwieli, Paola.

saq jew ippprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FCB 527 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rahal Gdid irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jaghmel hekk skont il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Lulju, 2013 fejn il-Qorti lliberatu mit-tieni akkuza, u sabitu hati ta’ l-ewwel akkuza u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ elf u mitejn Euro (€1200) u ssospenditu milli jkollu licenzja ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Maximillian Camilleri minnu pprezentat fid-19 ta’ Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija v. Maximillian Camilleri’, deciza nhar id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena 2013 appellata u dana billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mit-tieni akkuza, thassar, tirrevoka u tannulla in kwantu sabet lill-appellent hati tal-ewwel akkuza u gie kkundannat ghal hlas ta' multa ta' €1200 u sospensjoni li jkollu licenzja ghall-zmien sitt (6) xhur u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija. Fin-nuqqas, u cioe f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-appellant ma kellux jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u dana peress illi l-appellant ma kienx fis-sakra jew taht l-effett ta' ebda drogi waqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCB-527.

Jigi rilevat li l-provi li resqet il-prosekuzzjoni kienu konsistenti biss f'zewg xhieda, l-ewwel xhud kienet WPS 167 J.Grech li xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit. WPS 167 xehdet li hi marret fuq il-post in kwistjoni fejn sabet vettura tal-ghamla Renault illi kienet mahbuta gewwa zewg vetturi illi kienu pparkjati, wahda tal-ghamla

Toyota Yaris u ohra tal-ghamla Hyundai accent. L-istess xhud ma ratx l-incident isehh.

Xehdet li tkellmet ma' l-appellant u innuttat li kellu daqqa f'rasu. Xehdet li fuq 'suspett ragionevoli illi (l-appellant) kien qed isuq taht l-influenza tal-alcohol huwa gie nfurmat li ser isirlu t-test tan-nifs.'
Xehdet kif l-appellanti ttiehed l-ghassa u huwa ghazel li jaghti kampjun tan-nifs izda skont l-istess pulizija l-appellanti allegatament ma bediex jonfoh bizzejjed.

Dan kien fatt li l-appellant ikkontesta bil-qawwa kollha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. illi l-istess pulizija tixhed illi l-appellanti kellhu 'jinzamm minn taht spallejh biex jitla t-tarag tal-ghassa ghaliex ma bediex miexi dritt.' Jigi rilevat li l-appellanti kien ghadu kemm sofra impatt qawwi fejn fih gie midrub u kien proprju ghalhekk li huwa ma setghax jimxi sew peress li huwa ha l-impatt kollu gewwa rasu, f'sidru u f'irkuptejh. Dan 1-appellant xehdu ukoll quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Jigi rilevat ukoll li l-kampjun tan-nifs ittiehed lill-appellant tlett (3) darbiet, u dan kif ikkonferma l-appellant u kif ukoll jirrizulta mill-affidavit ta' WPS 167.

In sostenn ta' din l-ewwel akkuza l-prosekuzzjoni resqet ukoll xhud iehor u cioe' lix-xhud Alfred Muscat li huwa s-sid taz-zewg vetturi li garrbu l-hsara minhabba dan l-incident sfortunat. Dan ix-xhud xehed li huwa ma kienx ra l-incident isehh peress li kien gewwa r-residenza tieghu meta sehh u li meta hareg barra mid-dar huwa ra lill-appellanti bilqieghda fuq il-bankina b'rasu baxxuta. Ma kienx kellmu u lanqas resaq lejh biex jindirrizah fl-ebda hin.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-unika prova li resqet il-prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' WPS 167, liema xhieda giet kontradetta
(i) mix-xhieda li ta l-appellant quddiem l-ewwel Qorti;
(ii) kif ukoll mill-fatt illi l-appellant ta l-kampjun tan-nifs tlett darbiet u ma rrizultax li huwa kien taht l-influewenza tal-

alkohol u dan kif anki kkonfermat fl-affidavit tal-istess WPS 167; u
(iii) U kif ukoll mix-xhieda ta Alfred Muscat li ma xehed fl-ebda hin li l-appellant kien fis-sakra.

Illi nonostante dan kollu, WPS 167 xehdet li l-appellant, skont hi, ma bediex jonfoh bizzejjed, allegazzjoni li l-appellant ikkontesta bil-qawwa kollha quddiem l-ewwel Qorti. Anzi kien l-appellant stess li minn jeddu ghazel li jaghti l-kampjun tan-nifs, u flok ittiehed l-isptar ghall-kura medika minhabba l-griehi li huwa sofra, huwa ttiehed l-ghassa ta’ Rahal Gdid biex jaghti l-imsemmi kampjun.
10. Fil-fatt l-appellant hassu aggravat bis-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti meta l-fatti ma kienux kif qieghed jirrakunthom ix-xhud wiehed li resqet il-prosekuzzjoni u cioe’ WPS 167, liema xhieda ma kienet korroborata minn ebda dokument u minn ebda xhud iehor ghajr dak li l-istess pulizija issejjah bhala 'susspett ragionevoli illi kien qed isuq taht l-influenza tal-alcohol', liema susspett lanqas il-kampjun tan-nifs ma kkorroborah.

11. Illi ma dana kollu, allavolja x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni hi dik li hi, l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li l-appellanti 'ma kienx qed jonfoh' - stat ta' fatt li ma gie kkorroborat minn hadd ghajr dak li xehdet WPS 167.

12. Illi l-ewwel Qorti kkonstatat ukoll li jirrizulta 'ben ppruvat illi l-imputat kien fi stat ta' sakra' fuq zewg binarji (i) mix-xhieda tal-Pulizija (li ma hi xejn ghajr xhieda ta' pulizija wiehed) u (ii) 'mir-rizultanzi ta' l-incident li kien hemm' - konkluzzjonijiet li l-appellant ma jaqbilx maghhom u dana peress li l-incident mertu ta' din il-kawza gara minhabba kundizzjonijiet li l-appellant ma kellux kontroll fuqhom u cirkostanzi sfortunati hafna fejn huwa safa minghajr kontroll tal-vettura tieghu minhabba li tah sturdament u 'black out'.

13. Huwa dan kollu jitfa' dubju serju fuq il-versjoni moghtija mill-prosekuzzjoni tramite l-affidavit ta' WPS 167 u ghalhekk ladarba hawnhekk qeghdin fil-kamp kriminali, l-appellant umilment jikkontendi li peress li ma giex

ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-appellant kien qieghed isuq taht l-influenza tal-alkohol, u dana peress li ma ngabet ebda prova konkreta li turi dan, anzi l-appellant ghazel li jaghti l-kampjun tan-nifs tlett (3) darbiet u ma rrizultax li kien fis-sakra, li l-appellanti umilment jikkontendi li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

14. Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giacomotto Alexander deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta (per Imhallef Joseph Galea Debono' nhar il-hdax (11) ta' Jannar 2007, 'Il-posizzjoni korretta hi li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr ma thalli ebda dubju dettat mir-reguni u cioe sal-grad tac-certezza morali f'mohh il-gudikant tal-fatt. Id-difisa, ossia l-akkuzat, ma ghandu ghalfejn jipprova xejn. Izda jekk jaghzel li jaghmel xi prova bizzejjed li jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli' - xi haga li fil-kaz odjern ma sehhietx peress li x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ma kienet bl-ebda mod tirribatti dik moghtija mill-appellant u kkorroborata minn ebda fatt jew dokument.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-

konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ewwel akkuzi li hu kien qed isuq meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. L-ewwel Qorti kienet illberat lill-appelant mit-tieni akkuzi.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu li wara li gara l-incident tat-traffiku l-pulizija waslu fuq il-post. Huma nnotaw li l-appellant kien bil-qeghda fuq il-bankina u hu gie mistoqsi jekk kellhux bzonn assistenza medika ghaliex kellu daqqa fuq rasu. Skont il-pulizija huma sejhu ghall-ambulanza izda waqt li kienu qed ikellmuh bidet tinxtamm riha qawwija ta' alkohol. Ghalhekk, minflok baqghtuh l-isptar biex ma jkunx hemm ir-riskji ta' xi komplikazzjoni f'sahhtu, haduh l-ghassa biex jaghmlu t-test tan-nifs. Dan sar tlett darbiet izda ma rrizulta xejn. Il-pulizija tghid li l-appellant am nefahx bizzejjed u min-naha l-ohra l-appellant xehed li hu kien qed jofoh kif suppost. Hawnhwkk, ma saret ebda prova li l-apparat kien qed jahdem sew. L-appellant min-naha tieghu xehed li hu kien xorob flixkun birra u kellu 'black out' waqt li kien qed isuq u ghalhekk ssehh l-incident.

Illi din il-Qorti trid tistrieh fuq affidavit ta’ pulzija li xammet riha ta’ xorb u ix-xhieda ta’ l-appellant li jammetti li xorob biss flixkun birra. Hawnhekk, ma sar ebda test oggettiv fejn wiehed jista’ jirradika responsabilita’. Mhiex kwistjoni jekk il-pulizija qalitx il-verita’ o meno. Il-kwistjoni hi li l-pulizija strahet fuq is-sens ta’ xamm taghha. Dan ma hux xi test oggettiv. Il-ligi penali hi cara hafna. Is-soggettivita’ ma ghandhiex post f’dawn il-proceduri ghajr meta jkun hemm provi ohra oggettivi li jikkonvincu lil min qed jisma’ dan l-appell li hemm provi bizzejjed u skont il-ligi biex l-appellant jigi misjub hati. Fl-ghar ipotezi ghall-appellant hemm konflitt ta’ provi li f’dan il-kaz ghandu jmur favur l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-tieni akkuza fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta’ Maximilliam Camilleri. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tehilsu minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------